**Kunsill Lokali Żejtun**
**'Dar iż-Żwieten',** 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

ŻEJTUN
Citta` Beland
Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Seduta** 01/10 tas-sitt Kunsill Lokali elett Marzu 2008
**Data** 07/01/2010 fis-06.20pm
**Post** Sala Mikiel Cachia, 'Dar Iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun

| **Attendenza** | | |
|---|---|---|
| | Sindku Joe Attard | Preżenti |
| | Viċi Sindku Joan Agius | Preżenti |
| | Camilleri Claude | Preżenti |
| | Darmanin Richard | Assenti |
| | Fenech Stephanie | Preżenti sas-6.45pm |
| | Hales Joseph | Preżenti |
| | Pace Darrell | Preżenti |
| | Seychell Anthony | Preżenti |
| | Wille Piscopo Elisabeth | Preżenti |

**Preżenti wkoll** Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon
Assistent Prinċipal Caroline Schembri

**01. 1.** **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 01. 1. 1 | | Proponent: Seychell<br>Sekondant: Wille Piscopo | **Il-Minuti 11/09 inqraw u ġew approvati nem.con. Ma kienx hemm korrezzjonijiet.** | |
| 01. 1. 2 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |

**01. 2.** **Rapporti mill-Minuti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 01. 2. 1 | 11.2.3 | Sindku: Ġbir ta' Skart | Is-Sindku spjega li skond l-invoice ta' Novembru maħruġa mill-WasteServ l-ammont ta' skart separat miġbur miż-Żejtun baqa' ta' 8 tunnellati kuljum. Ġiet iffissata laqgħa mal-Greenpak sabiex issir konkluzzjoni tat-taħdidiet li kien hemm. Il-WasteServ mhux ser tibqa' tieħu ħsieb il-bins u talbu sabiex il-Kunsill jehodhom f'idejh. Il-Kunsill ma aċċettax u talab sabiex l-bins jaqgħu f'idejn il-Greenpak la darba din ser tieħu ħsieb il-ġbir tagħhom. Mill-1 ta' Frar nhar ta' Tlieta hu maħsub li ser tinġabar biss il-borża l-griża. Għaldaqstant l-iskart organiku dak inhar ma jinġabarx. Il-Greenpak ser tikkopera mal-Kunsill fil-ġbir ta' l-iskart reċiklabbli. Fl-allokazzjoni finanzjarja l-Kunsill ingħata Eur52,914 għat-tipping fess tal-landfill. Skond il-kalkoli li saru Eur20,000 iridu jinħarġu mill-fondi tal-Kunsill peress l-ammont li ingħata mid-dipartiment mhux ser ikun biżżejjed. Għal kull bring-in site trid titħallas is-somma ta' Eur100 għal insurance. Il-Viċi-Sindku ser tkun inkarigata tgħallem u teduka lill-komunita' dwar is-separazzjoni ta' l-iskart. | Sindku Viċi-Sindku |
| 01. 2. 2 | 11.2.4 | Camilleri: Taraġ mudlam | Camilleri bagħat email dwar it-taraġ mudlam ta' l-iskola u għalhekk saret mistoqsija fil-parlament. Ir-risposta kienet li x-xoghol li għandu jsir mhumiex meqjus bħala wieħed urġenti u dan ser isir skond il-lista tax-xogħlijiet. | Camilleri |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 01. | 2. | 3 | 11.2.7 | Camilleri: Toys għall-Kindergarten | Camilleri ikkonferma li nxtrat is-slide għall-kindergarten kif kien ġie deċiż. Camilleri ġab quddiem il-Kunsill l-ilment tas-surmast ta' Skola Primarja B li l-iskola qatt ma nagħatat xejn. Huwa spejga li l-għotja ta' toys għall-Milied lill-Kindergarten issir kull sena filwaqt li l-biros li ngħataw waqt il-Kampnaja Zejtun Nadif Għalik u Għalija ingħataw lill-istudenti ta' Skola Primarja A peress li kienu huma li ħadu sehem f'din l-attivita'. Il-Viċi-Sindku ġibdet l-attenzjoni li dak inhar ta' l-attivita' żewġ għalliema riedu jitilqu minħabba dan il-fatt. Is-Surmast ikkonferma li l-ilment ġie minn żewġ għalliema. Is-Sindku talab sabiex issir laqgħa mal-Kap/Aġent Kap ta' l-Iskola Primarja B. | Sindku<br>Viċi-Sindku<br>Camilleri |
| 01. | 2. | 4 | 11.2.9 | Fenech: Lista ta' Gradwati | Il-Kunsill ġie infurmat li l-Universita' ta' Malta ma tistax tagħti iktar dettalji dwar il-gradwati. Fenech talbet sabiex għallinqas tingħata statisktika filwaqt li dwar il-lista ta' gradwati mill-Mcast il-Viċi-Sindku qalet li waqt laqgħa il-Kummissarju tat-Tfal kienet wegħdet lista ta' gradwati ta' l-imsemmi kulleġġ. | Sindku<br>Fenech |
| 01. | 2. | 5 | 11.2.11 | Viċi-Sindku: Wirja Presepji | Il-Viċi-Sindku tat rapport tal-wirja tal-presepji li ntogħġbot ħafna min-nies tant li xtaqu li kienet itwal. | Viċi-Sindku |
| 01. | 2. | 6 | 11.3.2 | Fenech: Proġett Arti Żagħżugħa | Fenech stiednet lill-kunsilliera bil-familja għall-wirja ta' fotografija li ser issir nhar il-Ħadd 10 ta' Jannar fiċ-Ċentru Arti u Artiġjanat u għad-dramm 'Lura għall-futur' li ser jittella' fil-Juventitus Domus Sacra Familia. Dan id-dramm inkiteb miż-żgħażagħ stess. | Fenech |
| 01. | 2. | 7 | 11.3.3 | Viċi-Sindku: Invit Paola Frere | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li ma kinetx infurmata dwar l-invit ta' l-istitut Paolo Frere peress li l-aħħar laqgħa ma kinetx preżenti u ma ngħatax invit f'idejha. | Segretarjat |
| 01. | 2. | 8 | 11.7.1 | Sindku: Ikla Annwali | Wara li l-Kunsill ra l-kwotazzjonijiet ta' l-Excelsior Hotel u tal-Golden Sands, iddeċieda li jmur għall-offerta ta' Golden Sands għall-prezz ta' Eur34.50 kull persuna li tinkludi l-offerta ta' l-inbid. | Segretarjat |
| 01. | 2. | 9 | 11.9.3 | Hales: Ġnien tal-Kmandant | **Hales staqsa jekk inħarġux il-quotations għal cameras għal Ġnien tal-Kmandant. Is-Sindku spjega li l-problema hi min ser jagħmel il-monitoring tal-cameras u mhux ix-xiri tal- cameras. Il-Kunsill qabel li qabel jinħarġu quotations u jingħata parir professjonali fejn jista jsir il-monitoring. Ġie innutat li l-cameras ta' Ġnien San Girgor mhumiex jiffunzjonaw. Għaldaqstant ġie deċiż li issir spezzjona mal-kuntrattur li issupplixxa l-cameras inkwistjoni. Fenech talbet sabiex fl-area tas-Suq minflok isiru l-cameras jiżdied l-istreet lighting.** | Sindku<br>Segretarjat |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 01. | 2. | 10 | 11.9.10 | Seychell: Kunċert tal-Milied | Seychell ta rapport tal-Kunċert tal-Milied li sar fid-29 ta' Diċembru fil-Knisja Parrokkjali. Irringrazzja lill-Kunsilliera li attendew u lill-Parroċċa talli sar reklam b'xejn fuq il-fuljett Flimkien li jitqassam f'kull residenza. L-udjenza li attendiet għal dan il-kunċert kienet waħda numeruża u x'aktarx dik kienet l-akbar waħda minn meta beda jiġi organizzat dan il-kunċert. | Seychell |
| 01. | 2. | 11 | 11.9.11 | Sindku: Xogħol minn persuni tal-Faċilita' Korrettiva | Is-Sindku qal li dwar l-iskema ta' ħabsin li jaħdmu fil-lokalita' għadha ma ġietx konfermata peress li trid issir konsultazzjoni ma' Pace u Darmanin. | |

**01. 3. Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML01/10. B'riferenza għal:

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 01. | 3. | 1 | 01 | MEPA:- PA5215/09 | **Il-Kunsill qabel nem.con sabiex jiġbed l-attenzjoni tal-MEPA li dan is-sit jinsab fil-*village core* u għalhekk għandu jinżamm it-texture u l-karattru ta' l-inħawi.** | Sindku |
| 01. | 3. | 2 | 04 | DLG: Memo 86/09 Performance Bonus | **Il-Kunsill qabel nem.con li l-performance bonus ta' l-impjegati tal-Kunsill għandu jingħata fl-aħħar ta' Jannar 2010.** | Segretarjat |
| 01. | 3. | 3 | 6i | DLG: Memo 89/09 Allowance tal-Kunsilliera | **Il-Kunsill iddeċieda li għandu jikteb sabiex l-allowance li ser tingħata lis-Sindku u Kunsilliera bħala rimbors għall-ispejjeż li jagħmlu għandha tkun eżenti mit-taxxa.** | Segretarjat |
| | | | 6ii | Info Printjata | Wara diskussjoni li saret il-materjal li jkollu bżonn diskussjoni madwar il-mejda tal-Kunsill għandu jkun printjat. | |
| 01. | 3. | 4 | 07 | DLG: Memo 90/809 | Inqrat Memo 90/09 fejn ingħatat ħarsa lejn il-proġetti li l-Kunsill jista japplika għalihom biex jieħu fondi. B'kollox hemm madwar 24 proġett li għalihom hemm ivvutati Eur2 miljun. | Segretarjat |
| 01. | 3. | 5 | 09 | DLG: Memo 03/10 Onorarja tas-Sindki | Il-Kunsill ġie infrumat li hekk kif tħabbar fir-riforma l-onorarja tas-Sindku inbidlet b'seħħ minn Jannar 2010. Ġie innutat li avviż legali juri li l-onorarja l-ġdida daħlet fis-seħħ minn Novembru 2009. Għaldaqstant ser issir verifika mad-Dipartiment. | Segretarjat |
| 01. | 3. | 6 | 10 | DLG: Memo 4/10 Playing fields | Il-Kunsill innota li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali ser joħroġ offerti sabiex jinbidel l-apparat tal-playingfields wara risk assessment li ser isir biex jiġi rrapurtat apparat mhux ta' standard. Wille Piscopo reġgħet talbet sabiex isiru l-gates fil-playingfields. | |
| 01. | 3. | 7 | 11 | DLG: Memo 6/10 Taħriġ lill-Kunsilliera | Il-Viċi-Sindku uriet l-interess tagħha sabiex tattendi għat-taħriġ li ser isir għall-kunsilliera fil-qasam ta' l-informatika. | Segretarjat |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 01. | 3. | 8 | 12 | DLG: Memo 7/10 Skema għall-Aċċessibilta' | **Il-Kunsill qabel li għandu japplika sabiex Ġnien San Girgor u Day Care Centre ikunu aktar aċċessibli. Is-Sindku informa lill-Kunsill li d-Dar ta' l-Anzjani qed jitolbu li ssir sleeping policeman u li l-bus stop li hemm fil-viċinanzi għandu jinżel ħdejn id-Dar ta' l-Anzjani. Il-Kunsill laqa t-talbiet tad-Dar ta' l-Anzjani.** | Sindku |
| 01. | 3. | 9 | 17 | Direttur Servizzi Kummerċ: Posta fil-Monti | **Il-Kunsill approva li l-isem fuq il-permess tal-hawker jinbidel għal fuq it-tifla tal-hawker inkwistjoni, peress li din hija ir-regola applikata fil-Monti tal-Belt.** | Darmanin |

**01. 4.** **Ħlasijiet**

| Riferenza | | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 01. | 4. | 1 | | | Tabella tal-Ħlasijiet 01/10 | **Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill.** | Segretarjat |
| 01. | 4. | 2 | | | Tabella tal-Ħlasijiet 01/10 | **Il-Kunsill approva nem.con il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet 01/10 bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella.** | Segretarjat |
| 01. | 4. | 2 | i | 45 | Il-kont qed isir bħala spejjeż għall-proġett Arti Żagħżugħa. | | Segretarjat |
| | | | ii | 27 | Addizzjonalment kien hemm spiża ta' Eur233 li tħallset mir-residenti liema kontijiet ser jintbagħtu lill-Awtorita' tad-Djar għal rimborz. | | |
| | | | iii | 58 | Il-Kunsill staqsa jekk l-iskart ta' l-iskejjel hux qed jiġi kkunsdirat. Dwar dwar għandha issir verifika. | | |
| 01. | 4. | 3 | | | Talbiet għal Xiri 01/10 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi.** | Segretarjat |
| 01. | 4. | 4 | | | Petty Cash Diċembru 2009 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-petty cash li ntefaq matul Diċembru 2009 li kien jammonta għal €180.25.** | Segretarjat |

**01. 5.** **Resurfacing tat-Toroq Vittmi tal-Gwerra, Anġlu Grima, Dun Ġwann Tabone**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 01. | 5. | 1 | | Sindku: Rapport | Is-Sindku informa lill-Kunsill li bħalissa inbeda x-xogħol f'toroq Dun Ġwann Tabone, Vittmi tal-Gwerra u Anġlu Grima. Hemm bżonn li ssir il-bankina fuq in-naħa tar-residenzi. Ser isir tentattiv sabiex dawn isiru mill-kuntrattur li qed jagħmel it-triq. | |
| 01. | 5. | 2 | | Sindku: Rapport ta' Triq Anġlu Gatt | Is-Sindku ta rendikont tax-xogħol li sar s'issa fuq Triq Anġlu Gatt li ser tibqa' ħierġa fejn Ta' Ganza Suite fi Triq l-Isqof Emm. Galea. Inħarġet l-LA sabiex isir id-drenaġġ. Il-MEPA tat il-wisgħa tat-triq kif għandha tkun liema qis huwa daqs il-laybay eżistenti li saret għal bus stop li sar mill-Kunsill. Ser issir ukoll parking area. | |

**01. 6.** **Riżultat Green Challenge Award**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 01. 6. 1 | | Sindku: Rapport | Is-Sindku informa lill-Kunsill li ħadna r-4 post fil-Green Challenge Award. Dan il-premju ġab miegħu Eur5,000. Il-Kunsill jemmen f'dawn il-proġetti, iżda qed jinnota li għandu jkun hemm aktar traspsarenza dwar ir-riżultat finali. Għandu jkun hemm ukoll aktar ċarezza fuq it-tnehdija tal-proġetti u *terms of reference* aktar speċifiċi. | |

**01. 7. Rapport fuq il-Front Office il-ġdid**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 01. 7. 1 | | Sindku: Rapport | Is-Sindku irraporta li bħalissa qed isir xogħol sabiex tkun tista' teħel il-glass curtain. Il-Kunsill ġie imfakkar li fl-1 ta' Frar id-dipartiment tas-sigurta' soċjali distrettwali jibda jopera mill-front office il-ġdid tal-Kunsill. | |

**01. 8. Pavimentar tal-Kunsill il-ġdid - Pjan t'Isfel**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 01. 8. 1 | | | **Il-Kunsill qabel li għandu jsir il-pavimentar tal-pjan t'isfel peress li l-madum preżenti huwa għola mill-qatran. Il-Kunsill qabel ukoll li il-pavimentar għandu jsir b'madum antik. Wille Piscopo qalet li stabbiliment mill-Ħamrun jipprovdi madum stil antik ġenwin.** | |

**01. 9. Day Care Centre**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 01. 9. 1 | | | **Il-Kunsill qabel nem.con li joħroġ kwotazzjonijiet sabiex isir it-tqegħid ta' madum għac-Child Day Care Centre.** | |

**01. 10. Mozzjonijiet u Xogħlijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni |
|---|---|---|---|
| 01. 10. 1 | | **Il-Kunsill qabel nem.con li joħroġ kwotazzjonijiet għal solar water pump sabiex titwaħħal mal-funtana fi Ġnien iż-Żgħożija kif ukoll sabiex jitwaħħlu photovoltaic panels għall-uffiċini tal-Kunsill.** | |

**01. 11. Affarijiet Oħra jekk meqjusa urġenti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 01. 11. 1 | | Sindku: ADT | Is-Sindku informa lill-Kunsill li nkitbet ittra lill-ADT dwar id-deviation li spiċċa minn Bir id-Deheb. Triq il-Labour ħadet ir-ruħ peress li Alex Merceica spiċċa x-xogħol li kien qed jagħmel. Triq A Cachia Zammit tinsab fi stat diżastruż peress li lanqas tal-linja ma jridu jgħaddu minnha. Il-Kunsill qabel li għandu jerġa' jikteb sabiex jingħata risposta uffiċjali dwar r-resurfacing ta' ċertu toroq u twaħħil ta' traffic lights ta' Triq A Cachia Zammit li serviet bħala deviation waqt ix-xogħol fi Triq ta' Wied il-Għajn. | Sindku |
| 01. 11. 2 | | Sindku: WIFI | Is-Sindku staqsa fhiex waslet l-applikazzjoni tal-WIFI mad-Dipartiment. Is-Segretarjat ġie infurmat li l-applikazzjonijiet għadhom qed jiġu pproċessati. | Pace Segretarjat |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 01. | 11. 3 | Wille Piscopo: Misraħ Indipendenza | Wille Piscopo tkellmet dwar l-istat diżastruż tal-wiċċ ta' Misraħ Indipendenza. Pace u Wille Piscopo ġew inkarigati ikellmu lill-Perit Scotto dwar id-devoluzzjoni ta' l-art biex jikber is-Suq. | Pace Wille Piscopo |
| 01. | 11. 4 | Hales: Latrini | **Fuq suġġeriment ta' Hales, il-Kunsill qabel li jinbidlu l-viti tas-sinkijiet tal-latrini u dawn isiru fuq sistema ta' ilma kontrollat.** | Hales |
| 01. | 11. 5 | Hales: Ġibjun f'Qasam San Girgor | Hales talab sabiex issir talba lid-Direttur tat-Taqsima Servizzi fi ħdan il-Ministeru ta' l-Ambjent sabiex jissewwa l-ġibjun f'Qasam San Girgor/Ta' Ganza. **Il-Kunsill laqa din it-talba.** | Segretarjat |
| 01. | 11. 6 | Hales: Siġar fi Triq Ċawsli | Hales talab sabiex issir talba lill-Ministeru ta' l-Ambjent sabiex jinbidlu is-siġar taċ-ċawsli qodma u perikoli fi Triq Bormla u minflok jinżergħu oħrajn ġodda. **Il-Kunsill laqa din it-talba.** | Segretarjat |
| 01. | 11. 7 | Hales: Bdil ta' bus shelters | Hales talba sabiex jinbidlu t-3 bus shelters fi Triq Tal Barrani. **Il-Kunsill qabel li tinkiteb ittra lill Faces, ADT u MEPA.** | Segretarjat |
| 01. | 11. 8 | Hales: Pulizija | Hales saħaq li l-pulizija għandha tinforma mill-ewwel lis-Sindku b'kull inċident serju li jseħħ fiż-Żejtun. | |
| 01. | 11. 9 | Hales: Diaries u Kartolini | Il-Kunsill talab sabiex ma jsirux aktar kartolini u diaries u minflok jinżergħu siġar. Il-Kunsill qabel li meta jispiċċaw il-kartolini ma jiġux ipprintjati aktar filwaqt li dwar id-diaries tiġi diskussa aktar tard. | |
| 01. | 11. 10 | Hales: Isem ta' Triq Karmenu Carabott | Hales staqsa fhiex waslet it-talba tal-Kunsill għal isem ta' Triq Karmenu Carabott ma' l-Istreet Naming Committee. Is-Sindku wieġeb li se jkellem lill-Ministru dwarha. | Sindku |
| 01. | 11. 11 | Hales: Devjazzjoni ta' traffiku | Hales talab sabiex il-Malta Transport ikunu infurmati li Triq Wied il-Għajn tlestiet u għaldaqstant għandhom jitneħħew id-*deviation signs* meta x-xogħol kollu jkun lest. | Segretarjat |
| 01. | 11. 12 | Hales: Directional Sign f'Tal Barrani | Hales talab sabiex titwaħħal *directional sign* mill-Malta Transport fi Vjal 25 ta' Novembru k/m Triq Tal Barrani li turi kif wieħed imur għal-lokalitajiet oħra. **Il-Kunsill laqa t-talba.** | Segretarjat |
| 01. | 11. 13 | Pace: Skart | Pace ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar tixrid ta' skart fi Ġnien San Girgor u Ġnien Ġebel San Martin. Dwar dan Pace ħa ritratt u għaddih lis-Segretarjat. Is-Sindku spjega kull nhar ta' sibt qed isir il-knis fi Ġnien San Girgor u Ġnien Ġebel San Martin minn Community worker. Is-Sindku qal li l-parti tal-belveder fi Ġnien San Girgor ser tingħata aktar attenzjoni u meta jsir xogħol fuq l-aċċessibilta' għad-Day Care Centre. | Sindku Hales |
| 01. | 11. 14 | Camilleri: Żebgħa fi Triq Kapumastru u Triq Arkibużier | Camilleri reġa' ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar żebgħa tat-traffiku għall-parking bays li kellha issir fi Triq Kapumastru u Triq Arkibużier kif ukoll stop sign fi Triq Ħubbejża. Camilleri talab ukoll sabiex issir daqs metru bankina fi Triq l-Isqof Emm Galea ħdejn il-ħanut Blockbusters. | Sindku Darmanin |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 01. | 11. 15 | Seychell: Ħal Tmiem | Seychell informa lill-Kunsill dwar trakk mitluq u boroż taż-żibel fi Triq ir-Ramla. Dwar it-trakk għandha tinkiteb ittra lill-Pulizija u l-boroż taż-żibel għandhom jitneħħew mill-kuntrattur Ronald Bezzina. | Segretarjat Hales |
| 01. | 11. 16 | Seychell: Seminar | Seychell informa lill-Kunsill li s-seminar li ser isir f'Jum iż-Żejtun ser ikollu it-tema "Il-Fratellanzi l-bieraħ u llum". Fis-seminar ser jieħdu sehem tliet kelliema fosthom is-Sur Guido Lanfranco. | Seychell |
| 01. | 11. 17 | Viċi-Sindku: Ħajt ħdejn il-Knisja Madonna tal-Ħniena | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-ħajt ta' ħdejn il-knisja tal-Madonna tal-Ħniena jinsab fil-periklu li jaqa'. **Għaldaqstant il-Kunsill qabel li għandu jikteb lill-Arċipriet sabiex issir il-manutenzjoni meħtieġa.** | Segretarjat |
| 01. | 11. 18 | Viċi-Sindku: Tabelli tat-Traffiku | Il-Viċi-Sindku talbet sabiex jitwaħħlu tabelli ħalli l-karozzi jipparkjaw bis-silencer 'l barra fi Triq Madonna tal-Ħniena. Pace irrimarka li din it-tabella mhiex fil-highway code u għalhekk ma tistax tingħata ċitazzjoni f'dan ir-rigward. **Il-Kunsill qabel li għandu jikteb lill-Assistent Kummissarju tat-traffiku sabiex din it-tabella tiddaħħal fil-highway code.** | Segretarjat |
| 01. | 11. 19 | Viċi-Sindku: Ħmieġ fi Triq Dulliegħ | Il-Viċi-Sindku talbet sabiex tittieħed azzjoni dwar il-ħmieġ li hemm fi Triq id-Dulliegħ. Is-Sindku spjega li l-persuna li qed tħammeġ diġa' ttellgħet il-Qorti iżda s-sitwazzjoni baqgħet kif kienet għad-detriment tar-residenti li joqgħodu f'din it-triq. Is-Sindku qal li l-plots miftuħa għandhom jingħlaqu u jittieħdu ritratti sabiex dawn jintbagħtu lill-Mepa. | Hales Segretarjat |
| 01. | 11. 20 | Viċi-Sindku: Dinner Dance għall-Familja | Il-Viċi-Sindku fakkret li nhar id-9 ta' Jannar ser isir id-Dinner Dance għall-familja gewwa s-Soreda Hotel, Qawra. Prezz Eur25. | Viċi-Sindku |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fl-9.45pm. Laqgħa oħra ser issir fil-21 ta' Jannar 2010 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Zejtun fis-6.00pm.

Joe Attard
Sindku

Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv